# Il-Każin tal-Banda
# fi Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija 1939 - 1945

*Minn Anthony Piscopo*

Kien propju l-Ħadd, 3 ta' Settembru ta' l-1939, meta Mr. Neville Chamberlain, il-Prim Ministru Ngliż, ħabbar illi l-Ingilterra kienet daħlet fi gwerra mal-Ġermanja.

M'hemmx bżonn li wieħed joqgħod jispjega kif il-poplu Malti ħa din l-aħbar kerha, għax kien ovvju, li billi Malta kienet kolonja ta' l-Ingilterra, id-destin tagħha seta' jiġi mbassar li kienet ser tkun nvoluta b'mod dirett.

Għal din ir-raġuni, l-awtoritajiet bdew jaħsbu għal xi forma ta' difiża. Fost il-ħafna preparamenti, nistgħu nsemmu ir-rekwiżizzjonar ta' xi lokalitajiet, bħal djar kbar, każini tal-banda u anke skejjel.

Il-Każin Marija Annunzjata ma ħarabx mid-destin li kien hemm lest għaliħ, tant, li ġie meħud għall-bżonn tad-difiża.

Dan insibuh imniżżel f'silta mir-*records* tas-Soċjetà, meħudin mil-Laqgħa Ġenerali tal-Ħadd 8 ta' Ottubru 1939, fejn il-President informa lis-soċi preżenti, dak kollu li kellu x'jaqsam mal-każin.

Billi f'dawk iż-żminijiet hawn Malta kellna 11-il Reġiment Ingliż, l-għażla ta' postijiet fin-nofs-in-nhar ta' Malta u li kienu tajbin biex jaqdu l-bżonnijiet ta' dawn ir-reġimenti, kienet waħda mistennija. Hekk, li l-Każin Marija Annunzjata messitu din ix-xorti ħażina u ġie okkupat, l-ewwel mill-*West Kent Regiment* u aktar tard mid-*Devonshire Regiment.*

Il-każin serva ta' kċina u post għall-ikel għall-membri ta' dan ir-reġiment. Is-sala prinċipali kienet tintuża bħala *Dining Hall*, kappella, kif ukoll bħala post ta' divertiment.

Fl-istess laqgħa intqal ukoll li s-Soċjetà kienet kostretta tfittex dar oħra għal każin. Għalhekk, fl-istess ħin, il-kumitat informa lill-membri li kien meħtieġ li tinstab temporanjament dar oħra biex tiġi salvata l-eżistenza tas-Soċjetà. Il-kaxxier informa lill-istess laqgħa li kien irranġa mal-prokuratur tal-knisja biex dan jagħtina b'kera, dar qadima, ftit bibien 'il fuq u ma' l-istess ħajt tal-każin.

Dan l-arranġament temporanju kien għal post numru 4/5 Triq Paola. Bħala xiehda ta' dan wieħed jista' jarah fiċ-ċertikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-pulizija fl-10 ta' Marzu 1941, - No. Clubs / 36E, taħt l-isem ta' "Annunzjata Band Club".

Kulħadd jifhem li fiċ-ċirkustanzi tal-mument, ħafna mill-attivitajiet f'Malta kienu wieqfa għal kollox, u l-każini tal-banda ma kinux eċċezzjoni. Biss, madwar sentejn wara, fil-5 ta' April 1942, ġiet mgħajta seduta ġenerali fejn ġiet proposta mill-ġdid il-formazzjoni tas-Soċjetà.

Għal din il-laqgħa ġew imsejħa s-soċi li l-aktar li baqgħu midħla tal-każin f'dawk iż-żminijiet.

Ftit li xejn sar progress f'din il-laqgħa, għajr li ġie moqri r-rendikont tas-Soċjetà, minn Jannar 1940 sa Diċ embru 1942. - Il-bilanċ kien ta' 89 lira, 11 il-xelin u 9 soldi. Meta s-sħab iswed deher li qiegħed bil-mod jiċ ċara xi ftit, bdew jingħajtu iżjed spiss xi laqgħat tal-Kumitat.

Hekk insibu, li fl-1944, fis-seduta tal-Kumitat li saret fil-21 u fit-23 ta' Mejju, bdew jiġu diskussi l-mod ta' kif u meta ser jinfetaħ mill-ġdid il-każin fejn jinsab fil-preżent, jiġifieri f'numru 10/11, Triq Paola, Ħal Tarxien.Ġie appellat ukoll biex jinstab il-metodu li għandu jintuża biex iħajru lin-nies jidħlu soċi.

Il-Kumitat ħaseb ukoll biex jikseb il-permess tar-reġistrazzjoni tal-Każin mill-pulizija. Dan il-permess ħareġ fl-4 ta' Mejju 1944.

Nikkonkludi dan it-tagħrif , billi nsemmi informazzjoni mogħtija mill-Kumitat, taħt il-Presidenza tas-sur Rafel Bonniċi Calì, fejn insibu li l-banda għamlet l-ewwel Programm Mużikali tagħha, wara ħames snin ta' gwerra, propju fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ġiuseppe Magri, fl-assenza tas-Surmast Ġ.Buttigieg.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, is-Soċjetà baqgħat tikber u tissaħħaħ f'kull aspett - Mużikali, Kulturali u Edukattiv.

Referenza.
*L-Istorja tal-Għaqda Mużikali*
*Marija Annunzjata, Tarxien (V.Battistino).*